Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

MT

16853/14
(OR. en)

PRESSE 647
PR CO 70

EŻITU TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

It-3358 laqgħa tal-Kunsill

Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport

Brussell, 12 ta' Diċembru 2014

Presidenti **Is-Sinjura Stefania Giannini**
Ministru għall-Edukazzjoni
Is-Sur Luigi Bobba
Segretarju tal-Istat għax-Xogħol u l-Politiki Soċjali

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu http://www.consilium.europa.eu/press

Riżultati prinċipali tal-Kunsill

EDUKAZZJONI

Intraprenditorija fl-edukazzjoni u t-taħriġ

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar l-intraprenditorja fl-edukazzjoni u t-taħriġ, li jissottolinjaw l-importanza tal-iżvilupp tal-ħiliet intraprenditorjali minn età bikrija u tar-rinfurzar tar-rabtiet bejn is-sistema tal-edukazzjoni u d-dinja tan-negozju, f'konformità mas-sejħa tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju "għall-promozzjoni ta' klima ta' intraprenditorja u l-ħolqien tal-impjiegi". L-intraprenditorija u l-edukazzjoni huma wkoll prijoritajiet għall-istrateġija Ewropa 2020.

Il-każ ekonomiku għall-edukazzjoni u t-taħriġ

Fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-istrateġija Ewropa 2020, il-Ministri għall-Edukazzjoni u l-Ministri għall-Impjieg mill-Italja, il-Latvja u l-Lussemburgu kellhom dibattitu pubbliku dwar "Il-każ ekonomiku għall-edukazzjoni u t-taħriġ".

Il-President tal-Kunsill, il-Ministru Stefania Giannini qalet, "*Il-Presidenza Taljana kellha l-intenzjoni li tafferma mill-ġdid ir-rwol kruċjali tal-edukazzjoni bħala spinta fit-tkabbir ekonomiku u fil-ħolqien tal-impjiegi. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, il-konklużjonijiet preżenti tal-Kunsill dwar l-interprenditorja fl-edukazzjoni, id-dibattitu dwar il-valur miżjud tal-investiment f'edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità b'perspettiva fit-tul, u d-diskussjoni dwar kif tissaħħaħ il-mobilità internazzjonali permezz ta' esperjenzi ta' mobilità kurrikulari strutturati, jistabbilixxu punti fundamentali importanti.*"

Baġit

Il-Kunsill ikkonferma wkoll mingħajr dibattitu, il-qbil politiku milħuq dwar il-baġit tal-UE 2015 u l-abbozz pendenti ta' baġits emendatorji għall-2014.

[1]
- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill http://www.consilium.europa.eu.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

<u>**ŻGĦAŻAGĦ**</u>

L-aċċess taż-żgħażagħ għad-drittijiet

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar l-aċċess taż-żgħażagħ għad-drittijiet sabiex jitrawmu l-awtonomija u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà ċivili. Huma jindirizzaw l-isfidi għal din il-ġenerazzjoni ta' żgħażagħ, li qed iġarrbu l-falliment tal-kriżi finanzjarja, u b'mod partikolari d-diffikultajiet tagħhom li jsiru adulti awtonomi li jipparteċipaw b'mod kritiku u attiv fil-ħajja soċjali, politika u ekonomika fil-komunitajiet tagħhom stess. Luigi Bobba, Is-Segretarju tal-Istat Taljan għax-Xogħol u l-Politika Soċjali nnota li, *" Il-konklużjonijiet jistiednu lill-Istati Membri jattwaw firxa wiesgħa ta' strumenti u miżuri sabiex jitneħħew l-ostakoli li ma jħallux liż-żgħażagħ jgħixu ħajja awtonoma."*

Sfidi soċjoekonomiċi fil-qasam taż-żgħażagħ

F'sessjoni pubblika, il-Ministri ddiskutew ukoll approċċ transettorjali għall-politiki taż-żgħażagħ bħala għodda biex jiġu indirizzati aħjar l-isfidi soċjoekonomiċi f'dan il-qasam. Il-kooperazzjoni fil-politika transettorjali hija wkoll waħda mill-prijoritajiet ċentrali tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażagħ adottat reċentement. Is-Segretarju tal-Istat Luigi Bobba qal, "*id-dibattitu kkonferma li l-approċċ transettorjali hu l-mogħdija li għandha tiġi segwita, fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali, biex jiġu żgurati politiki taż-żgħażagħ aktar konkreti u effiċjenti*".

WERREJ[1]

PARTEĊIPANTI .... Error! Bookmark not defined.

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

EDUKAZZJONI 7

Intraprenditorija fl-edukazzjoni u t-taħriġ 7

Il-każ ekonomiku għall-edukazzjoni u t-taħriġ 8

Affarijiet oħra 10

– Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss 10

ŻGĦAŻAGĦ 10

L-aċċess taż-żgħażagħ għad-drittijiet 10

Sfidi soċjoekonomiċi fil-qasam taż-żgħażagħ 11

Affarijiet oħra 12

– Proġett ta' Demokrazija UE-Żgħażagħ 12

– Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss 12

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

BAĠITS

– Approvazzjoni tal-baġit tal-UE 2015 u tal-abbozz ta' baġits emendatorji għall-2014 13

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

– Irkupru u riżoluzzjoni tal-banek: imposti 14

AFFARIJIET BARRANIN

– Miżuri restrittivi - Sirja 14

TRASPARENZA

– Aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti 15

PARTEĊIPANTI

Belġju:	
Is-Sinjura Isabelle WEYKMANS	Viċi Ministru President, Ministru għall-Kultura, l-Impjiegi u t-Turiżmu
Is-Sur Olivier BELLE	Viċi Rappreżentant Permanenti
Bulgarija:	
Is-Sur Todor TANEV	Ministru għall-Edukazzjoni
Repubblika Ċeka:	
Is-Sur Marcel CHLÁDEK	Ministru għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport
Danimarka:	
Is-Sinjura Christine ANTORINI	Ministru għall-Edukazzjoni
Is-Sur Ole TOFT	Viċi Rappreżentant Permanenti
Ġermanja:	
Is-Sur Georg SCHÜTTE	Segretarju tal-Istat tal-Ministeru Federali għall-Edukazzjoni u r-Riċerka
Is-Sur Ralf KLEINDIEK	Segretarju tal-Istat, Ministeru Federali għall-Affarijiet tal-Familja, l-Anzjani, in-Nisa u ż-Żgħażagħ
Estonja:	
Is-Sur Clyde KULL	Viċi Rappreżentant Permanenti
Irlanda:	
Is-Sinjura Jan O'SULLIVAN	Ministru għall-Edukazzjoni
Is-Sur James REILLY	Ministru għat-Tfal u ż-Żgħażagħ
Greċja:	
Is-Sur Andreas LOVERDOS	Ministru għall-Edukazzjoni u l-Affarijiet Reliġjużi
Is-Sur Gergios GEORGANTAS	Segretarju tal-Istat għall-Edukazzjoni u l-Affarijiet Reliġjużi
Spanja:	
Is-Sur José Pascual MARCO MARTINEZ	Viċi Rappreżentant Permanenti
Franza:	
Is-Sinjura Geneviève FIORASO	Segretarju tal-Istat għall-Edukazzjoni Għolja u r-Riċerka
Is-Sur Alexis DUTERTRE	Viċi Rappreżentant Permanenti
Kroazja	
Is-Sur Vedran MORNAR	Ministru għax-Xjenza, l-Edukazzjoni u l-Isport
Is-Sur Goran ŠTEFANIĆ	Viċi Rappreżentant Permanenti
Italja:	
Is-Sinjura Stefania GIANNINI	Ministru għall-Edukazzjoni, l-Universitajiet u r-Riċerka
Is-Sur Luigi BOBBA	Segretarju tal-Istat għax-Xogħol u l-Politika Soċjali
Is-Sur Giuliano POLETTI	Ministru għax-Xogħol u l-Politika Soċjali
Ċipru:	
Is-Sinjura Maria HADJITHEODOSIOU	Viċi Rappreżentant Permanenti
Latvja:	
Is-Sinjura Mārīte SEILE	Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza
Is-Sur Uldis AUGULIS	Ministru għall-Protezzjoni Soċjali
Litwanja:	
Is-Sur Dainius PAVALKIS	Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza
Is-Sur Albinas ZANANAVIČIUS	Viċi Rappreżentant Permanenti
Lussemburgu:	
Is-Sur Claude MEISCH	Ministru għall-Edukazzjoni Nazzjonali, it-Tfulija u ż-Żgħażagħ
Is-Sur Nicolas SCHMIT	Ministru għax-Xogħol, l-Impjiegi u l-Ekonomija Soċjali u ta' Solidarjetà
Ungerija:	
Is-Sur László PALKOVICS	Ministru tal-Istat għall-Edukazzjoni Għolja, Ministru għall-Kapaċitajiet Umani
Malta:	
Is-Sur Neil KERR	Viċi Rappreżentant Permanenti

Pajjiżi l-Baxxi:	
Is-Sinjura Jet BUSSEMAKER	Ministru għall-Edukazzjoni, il-Kultura u x-Xjenza
Awstrija:	
Is-Sinjura Gabriele HEINISCH-HOSEK	Ministru Federali għall-Edukazzjoni u l-Affarijiet tan-Nisa
Is-Sur Gregor SCHUSTERSCHITZ	Viċi Rappreżentant Permanenti
Polonja:	
Is-Sinjura Ewa DUDEK	Sottosegretarja tal-Istat, Ministeru għall-Edukazzjoni Nazzjonali
Portugall:	
Is-Sur Nuno CRATO	Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza
Is-Sur Emídio GUERREIRO	Segretarju tal-Istat għall-Isport u ż-Żgħażagħ
Rumanija:	
Is-Sur Cristian COSMIN	Segretarju tal-Istat, Ministeru għaż-Żgħażagħ u l-Isport
Is-Sur Cristian BADESCU	Viċi Rappreżentant Permanenti
Slovenja:	
Is-Sinjura Stanka SETNIKAR CANKAR	Ministru għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Isport
Slovakkja:	
Is-Sur Alexander MICOVČIN	Viċi Rappreżentant Permanenti
Finlandja:	
Is-Sinjura Marianne HUUSKO-LAMPONEN	Viċi Rappreżentant Permanenti
Svezja:	
Is-Sinjura Aida HADZIALIC	Ministru għall-Iskola Sekondarja Għolja u l-Edukazzjoni u t-Taħriġ tal-Adulti
Is-Sur Gustav FRIDOLIN	Ministru għall-Edukazzjoni
Renju Unit:	
Is-Sinjura Angela CONSTANCE	Segretarju tal-Kabinett Skoċċiż għat-Taħriġ, iż-Żgħażagħ u l-Impjiegi tan-Nisa
Is-Sinjura Shan MORGAN	Viċi Rappreżentant Permanenti

Kummissjoni:	
Is-Sur Tibor NAVRACSICS	Membru

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

EDUKAZZJONI

Intraprenditorija fl-edukazzjoni u t-taħriġ

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar l-intraprenditorija fl-edukazzjoni u t-taħriġ *(14402/14)*, li jissottolinjaw l-importanza tal-iżvilupp tal-ħiliet intraprenditorjali minn età bikrija u tar-rinfurzar tar-rabtiet bejn is-sistema tal-edukazzjoni u d-dinja tan-negozju, f'konformità mas-sejħa tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju "għall-promozzjoni ta' klima ta' intraprenditorija u l-ħolqien tal-impjiegi"[1] fil-kuntest tal-istrateġija Ewropa 2020.

Il-konklużjonijiet jistiednu lill-Istati Membri biex jisfruttaw b'mod sħiħ li l-potenzjal tal-programm Erasmus+ joffri fl-appoġġ għall-edukazzjoni tal-intraprenditorija, b'mod partikolari permezz tal-alleanzi tal-għarfien għall-edukazzjoni għolja u l-alleanzi ta' ħiliet settorjali għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali[2], kif ukoll biex isir l-aħjar użu ta' riżorsi oħra Ewropej bħall-Fond Soċjali Ewropew.

L-intraprenditorija tirrikjedi fehim tal-ekonomija u kif jaħdem in-negozju, iżda ugwalment importanti hija titlob li jkun hemm firxa ta' ħiliet u kompetenzi interdixxiplinari (bħal sens ta' inizjattiva u l-abbiltà ta' teħid tar-riskji, il-ħsieb kritiku u kreattiv, l-organizzazzjoni u t-turija tat-tmexxija, u l-kapaċità tal-kommunikazzjoni ma' u l-persważjoni ta' persuni oħra),li l-istituzzjonijiet edukattivi għandhom jfittxu li jiżviluppaw f'min qed jitgħallem, bħala parti minn proċess gradwali u kontinwu li jkopri l-livelli kollha u, sa fejn ikun possibbli, fil-kurrikulum kollu.

Diversi Stati Membri ppreżentaw fil-qosor x'uħud mill-esperjenzi nazzjonali tagħhom f'dan il-qasam. Huma ssottolinjaw il-ħtieġa li jiġi faċilitat l-aċċess għall-finanzi u li titnaqqas il-burokrazija għall-intraprendituri żgħażagħ, l-inkoraġġiment li jittieħdu r-riskji u l-iżvilupp ta' approċċi mfassla apposta.

Il-Kummissarju Navracsics iddikjara li l-Kummissjoni l-ġdida hija totalment impenjata biex tiżviluppa l-intraprenditorija fl-edukazzjoni, waqt li fakkar li l-SMEs jiffurmaw il-pedament tal-ekonomija Ewropea. Huwa ġibed l-attenzjoni għal żewġ għodod ġodda li l-Kummissjoni żviluppat f'dan is-settur: HEInnovate *(https://heinnovate.eu/intranet/main/index.php)*, li ntlaqgħet ferm tajjeb mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, u Entrepreneurship360, li ser titnieda s-sena d-dieħla għall-iskejjel u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

---

[1] *EUCO 79/14, p. 15.*

[2] *https://eacea.ec.europa.eu/erasmus-plus/funding/knowledge-alliances-sector-skills-alliances-eacs1113_en*

Il-każ ekonomiku għall-edukazzjoni u t-taħriġ

Fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-istrateġija Ewropa 2020, il-Ministri kellhom dibattitu pubbliku dwar "Il-każ ekonomiku għall-edukazzjoni u t-taħriġ". Il-Ministri għall-Impjiegi mit-Triju ta' Presidenzi attwali wkoll ħadu sehem f'dan id-dibattitu, li kkostitwixxa l-kontribut tas-settur edukattiv għar-rapport ta' sintesi dwar ir-reviżjoni tal-istrateġija 2020 li għandu jitressaq lill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru.

Il-Presidenza infurmat lill-Kunsill dwar id-diskussjoni li saret fil-jum preċedenti fil-Kunsill Impjiegi dwar is-suġġett "Investiment fl-Impjiegi taż-Żgħażagħ". Il-Ministru ssottolinja wkoll li d-dibattitu attwali kien qed isir f'mument opportun ħafna, meta d-direzzjoni strateġika tal-aġenda tal-politika Ewropea qed tiġi definita mill-ġdid.

Il-Ministri għall-Impjiegi mill-Italja, il-Latvja u l-Lussemburgu laqgħu l-inizjattiva tal-Presidenza fl-istedina tagħhom biex jipparteċipaw, peress li din enfasizzat l-importanza ta' approċċ transettorjali għall-irkupru tal-kompetittività u l-potenzjal għat-tkabbir tal-Ewropa, bil-bini fuq investimenti strateġiċi fl-edukazzjoni.

Huma appellaw ukoll għal implimentazzjoni rapida u effiċjenti tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, b'mod partikolari biex jgħinu fit-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola u r-rata għolja attwali tan-NEETs.

Il-Kummissarju Navracsics faħħar ukoll il-formazzjoni b'mod parallel mal-Kunsill EPSCO u ttama li kooperazzjoni ta' dan it-tip tkun tista' tkompli.

Huwa kkonferma li l-edukazzjoni hija prijorità ewlenija tal-Kummissjoni l-ġdida u ddeplora l-fatt li ħafna Stati Membri naqqsu l-baġits tagħhom tal-edukazzjoni fl-2012, filwaqt li fehem id-diffikultajiet ekonomiċi li x'uħud minnhom qed jiffaċċjaw. Huwa stieden lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-investimenti f'dan il-qasam, peress li l-edukazzjoni hija dejjem ta' profitt fit-terminu medju u twil.

Il-Kummissjoni ssottolinjat ukoll il-fatt li tnejn mill-miri ewlenin tal-istrateġija għall-edukazzjoni jinsabu fit-triq it-tajba li jinkisbu fl-2020, għalkemm hemm varjazzjonijiet sinifikanti bejn l-Istati Membri:

– il-proporzjoni tat-tluq bikri mill-iskola (12% fl-2013, 10% fl-2020)

– il-persentaġġ ta' dawk fl-età ta' 30-34 li komplew l-edukazzjoni terzjarja jew dik ekwivalenti (36.9% fl-2013, 40% fl-2020)

Huwa rrikonoxxa li l-edukazzjoni m'għandhiex biss tkun mezz ta' dħul fis-suq tax-xogħol, iżda minħabba l-livelli għolja inkwetanti ta' qgħad, għandha tiġi żgurata transizzjoni bla xkiel bejn it-tnejn.

Matul id-dibattitu, il-Ministri ssottolinjaw li l-edukazzjoni kellha rwol kruċjali u ser tkompli jkollha rwol kruċjali fis-suċċess tal-istrateġija Ewropa 2020, peress li l-edukazzjoni ta' kwalità għolja u l-iżvilupp ta' ħiliet huma prerekwiżiti għat-tkabbir, l-innovazzjoni, il-kompetittività u l-impjiegi fl-Ewropa.

Numru ta' Stati Membri fakkru, madankollu, li l-edukazzjoni kellha valur intrinsiku u m'għandhiex sempliċiment titqies bħala mezz biex jinsab ix-xogħol, iżda wkoll bħala l-bażi għall-iżvilupp personali, iċ-ċittadinanza, u l-inklużjoni soċjali.

Il-kwistjonijiet prinċipali ssottolinjati kienu dawn li ġejjin:

– il-mira ewlenija doppja għall-edukazzjoni għandha tinżamm, partikolarment fir-rigward tat-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola

– il-ħiliet bażiċi għandhom jitjiebu, l-edukazzjoni vokazzjonali għandha ssir aktar attraenti u l-opportunitajiet għat-tagħlim tal-adulti u l-edukazzjoni tat-tieni opportunità għandhom jiġu promossi

– l-investiment sostnut hu meħtieġ, għalkemm hu essenzjali għall-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi

– għandhom isiru sforzi fl-iżvilupp u l-estensjoni tad-disponibbiltà ta' għodod edukattivi online u l-promozzjoni tat-tagħlim diġitali

– biex jiġi evitat it-twessigħ tad-differenza bejn l-iżvilupp tal-kurrikulum u d-domandi li dejjem jevolvu rapidament tas-swieq tax-xogħol, is-settur tal-innovazzjoni u s-soċjetà, importanti li jissaħħu r-rabtiet bejn id-dinja tax-xogħol u dik tal-edukazzjoni, kemm fil-livell sekondarju kif ukoll dak terzjarju

– għandu jinżamm approċċ komprensiv għall-edukazzjoni u t-taħriġ, li jkopri l-livelli kollha tal-edukazzjoni mit-tfulija bikrija sal-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim tal-adulti

Affarijiet oħra

– ***Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss***

Id-delegazzjoni Latvjana ppreżentat il-prijoritajiet tagħha għas-semestru li jmiss:

– reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas 'ET2020' u t-tħejjija tar-rapport konġunt tal-2015

– it-tisħiħ tar-rabtiet bejn l-istrateġija tal-Ewropa 2020 u l-'ET2020'

– it-tħejjija għall-konferenza ministerjali ta' Bologna f'Mejju f'Yerevan, l-Armenja

– ir-rikonoxximent ta' ħiliet u diplomi

ŻGĦAŻAGĦ

Qabel ma beda bil-punti formali fl-aġenda, is-Segretarju tal-Istat Luigi Bobba informa lill-Ministri dwar l-eżitu tal-forum informali mar-rappreżentanti żgħażagħ (id-"djalogu strutturat"), li indirizza **l-attivitajiet volontarji u s-servizz ċivili.** F'dan il-kuntest, il-Presidenza ddeskriviet il-proġett tagħha biex jinħoloq servizz Ewropew għaċ-ċittadini, b'kont meħud tal-prattiki differenti fl-Istati Membri, immirat għat-twessigħ tal-bażi taċ-ċittadinanza Ewropea u t-tisħiħ tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-proċessi demokratiċi.

L-aċċess taż-żgħażagħ għad-drittijiet

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar l-aċċess taż-żgħażagħ għad-drittijiet sabiex jitrawmu l-awtonomija u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà ċivili*(15613/14)*. Huma jindirizzaw l-isfidi għal din il-ġenerazzjoni ta' żgħażagħ, li qed iġarrbu l-falliment tal-kriżi finanzjarja, u b'mod partikolari d-diffikultajiet tagħhom li jsiru adulti awtonomi li jipparteċipaw b'mod kritiku u attiv fil-ħajja soċjali, politika u ekonomika fil-komunitajiet tagħhom stess.

Il-konklużjonijiet jirrikonoxxu li l-effett kombinat ta' fatturi kkawżat mill-kriżi ekonomika, bħall-aċċess limitat għal kreditu, it-tnaqqis fid-dħul u aktar instabbiltà fl-impjiegi, sikwit mingħajr il-garanzija ta' miżuri ta' għajnuna soċjali adegwati, naqqsu l-kapaċità taż-żgħażagħ għall-awtonomija.

Huma jissottolinjaw ukoll il-ħtieġa tal-iżvilupp ta' strateġiji u politiki li mhux biss jiffavorixxu t-transizzjoni mill-iskola għax-xogħol, iżda li jaġixxu wkoll f'oqsma relatati bħall-aċċess għall-kreditu, id-djar, il-kura tas-saħħa, l-aċċess għas-servizzi, u l-edukazzjoni, sabiex jipprovdu l-għodod meħtieġa għall-appoġġ għall-progress taż-żgħażagħ lejn l-awtonomija u ċ-ċittadinanza.

Sfidi soċjoekonomiċi fil-qasam taż-żgħażagħ

Fis-segwitu għall-konklużjonijiet, il-Ministri ddiskutew ukoll approċċ transettorjali għall-politiki taż-żgħażagħ bħala għodda għall-indirizzar aħjar tal-isfidi soċjoekonomiċi f'dan il-qasam. Il-kooperazzjoni fil-politika transettorjali hija wkoll waħda mill-prijoritajiet ċentrali tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażagħ reċentement adottat[1].

Il-Ministri rrikonoxxew li minkejja l-prijorità politika għolja tal-indirizzar tal-qgħad taż-żgħażagħ u l-konsegwenzi tiegħu fil-livell nazzjonali u tal-UE, il-politika taż-żgħażagħ m'għamlitx kontribut suffiċjenti għall-ħidma ta' setturi oħra. Barra minn hekk, l-oqsma ta' politika differenti li huma kritiċi għat-titjib tal-prospetti taż-żgħażagħ - l-impjiegi, l-edukazzjoni, l-affarijiet soċjali u s-saħħa - mhux dejjem jaħdmu flimkien bil-mod l-aktar effiċjenti.

Il-Ministri ssottolinjaw l-importanza tal-miżuri mmirati lejn il-promozzjoni tal-inklużjoni taż-żgħażagħ permezz ta' attivitajiet edukattivi, ta' taħriġ u assoċjattivi li joffru possibilitajiet għal kisba tal-esperjenza u jipprovdu opportunitajiet ta' tagħlim prattiku li jtejbu l-ħajja, l-għarfien u l-ħiliet taż-żgħażagħ.

L-Istati Membri diġà attwaw jew qed jiżviluppaw ħafna proġetti u programmi fil-livell nazzjonali għall-ġlieda kontra l-qgħad u l-esklużjoni soċjali taż-żgħażagħ.

Il-kwistjonijiet ewlenin enfasizzati fid-dibattitu kienu dawn li ġejjin:

– il-ħiliet interdixxiplinari taż-żgħażagħ jeħtieġ li jitjiebu permezz ta' tagħlim mhux formali u informali u l-parteċipazzjoni ċivika

– il-possibilitajiet offruti mill-finanzjament u l-programmi Ewropej, b'mod partikolari l-Erasmus + u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ għandhom jiġu esplorati b'mod sħiħ

[1] ĠU C 183/2014

– hu kruċjali li ż-żgħażagħ jinvolvu lilhom infushom, b'mod partikolari n-NEETS, sabiex min ifassal il-politika taż-żgħażagħ jiġi infurmat fil-livelli kollha u jiġu implimentati l-approċċi mfassla apposta

– il-kooperazzjoni u s-sinerġiji bejn l-awtoritajiet lokali, nazzjonali u dawk Ewropew fis-setturi kollha relatati maż-żgħażagħ għandhom jitjiebu

– l-iskambju regolari tal-aħjar prattiki fost l-Istati membri għandu jiżdied

Affarijiet oħra

– ***Proġett ta' Demokrazija UE-Żgħażagħ***

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża dwar il-proġett "Ewropa Żagħżugħa - Ħsibijiet ġodda dwar id-Demokrazija" *(16189/14)*. Fil-kuntest tal-25 anniversarju tal-waqa' tal-Ħajt ta' Berlin, 120 żagħżugħ fl-età bejn it-18 u t-30 sena mit-28 Stati Membri tal-UE kollha rikbu it-trejn għal ħamest ijiem minn Berlin sa Vjenna u lura, sabiex jiddiskutu l-kriżi ta' identità taż-żgħażagħ fi u mal-Ewropa. Inħarġet dikjarazzjoni fi tmiem il-proġett, li kien iffinanzjat mill-fondi nazzjonali Ġermaniżi u l-Erasmus +.

– ***Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss***

Id-delegazzjoni Latvjana ppreżentat il-prijoritajiet prinċipali tagħha għas-semestru li jmiss

– Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażagħ

– Kontribut tal-politiki taż-żgħażagħ għall-Ewropa 2020

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

BAĠITS

Approvazzjoni tal-baġit tal-UE 2015 u tal-abbozz ta' baġits emendatorji għall-2014

Il-Kunsill ikkonferma l-qbil politiku milħuq dwar il-baġit tal-UE 2015 u l-abbozzi pendenti ta' baġits emendatorji għall-2014.

Il-qbil milħuq mal-Parlament Ewropew fih l-elementi li ġejjin:

– il-baġit tal-UE 2015 li l-ħlasijiet totali għalih huma stabbiliti b'€141.2 biljun u l-approprjazzjonijiet totali b'€145.3 biljun; id-delegazzjoni tar-Renju Unit astjeniet

– abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2014, li jżid €3.5 biljun fi ħlasijiet għall-baġit 2014, li minnhom €3.2 biljun huma ffinanzjati mill-marġini ta' kontinġenza u €361 miljun joriġinaw minn taħt il-limitu massimu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020; dan l-abbozz ta' baġit emendatorju jinkorpora wkoll id-dħul addizzjonali li jammonta għal €1.6 biljun minn multi; id-delegazzjoni Olandiża, Svediża u dik tar-Renju Unit ivvutaw kontra

– abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2014 kif modifikat permezz tal-ittra tiegħu ta' emenda, li jinkorpora fih id-dħul addizzjonali tal-baġit 2014 li jammonta għal €2.4 biljun prinċipalment minn multi

– abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2014, li jimmobilizza €47.0 miljun f'impenji barra mill-fond ta' solidarjetà fl-2014 sabiex itaffi l-ħsarat ikkawżati minn għargħar fl-Italja (€16.3 miljun), terremot fil-Greċja (€3.7 miljun) u maltempati tas-silġ fis-Slovenja (€18.4 miljun) u l-Kroazja (€8.6 miljun); id-delegazzjoni tar-Renju Unit astjeniet

– abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2014 kif modifikat permezz tal-ittra tiegħu ta' emenda, li jdaħħal fil-baġit tal-UE 2014 ammont ta' €4.5 biljun li jirriżulta minn tbassir rivedut tad-dħul tal-UE u l-kontribuzzjonijiet imnaqqsa tad-DNG kif meħtieġ; id-delegazzjoni tar-Renju Unit astjeniet

– abbozz ta' baġit emendatorju Nru 7/2014, li jimmobilizza €79.7 miljun f'impenji barra mill-fond ta' solidarjetà tal-UE biex jiġu ttrattati l-ħsarat ikkawżati mill-għargħar fis-Serbja (€60.2 miljun), il-Bulgarija (€10.5 miljun) u l-Kroazja (€9.0 miljun); id-delegazzjoni tar-Renju Unit astjeniet

– abbozz ta' baġit emendatorju Nru 8/2014, li jinkorpora l-eċċess finanzjarju ta' €1.01 biljun tal-2013 fil-baġit 2014; id-delegazzjoni tar-Renju Unit astjeniet

Il-Parlament Ewropew hu mistenni li formalment japprova dawn l-elementi fis-17 ta' Diċembru.

– Dettalji tal-qbil - ħarsa ġenerali
– Aktar dettalji
– Stqarrija għall-istampa mid-9 ta' Diċembru 2014 b'dettalji sħaħ tal-ftehim

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

Irkupru u riżoluzzjoni tal-banek: imposti

Il-Kunsill iddeċieda li ma joġġezzjonax għall-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' Regolament li jissuplimenta d-Direttiva dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-banek (2014/59/EU) fir-rigward tal-metodu għal kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ex-ante li l-banek għandhom iħallsu għall-arranġamenti għall-finanzjament ta' riżoluzzjoni (*14545/14* + *14545/14 ADD1*+*14545/14 ADD2*+*14545/14 ADD3*+*14545/14 ADD4*+*14545/14 ADD5*).

Ir-Regolament huwa att delegat skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. Issa jista' jidħol fis-seħħ, dment li ma joġġezzjonax il-Parlament Ewropew.

Il-bank ser ikollhom jagħmlu kontribuzzjonijiet annwali għall-fondi ta' riżoluzzjoni nazzjonali. Dawn ser jiġu kkalkulati abbażi tal-obbligazzjonijiet tagħhom, bl-esklużjoni tal-fondi proprji u d-depożiti koperti, u ser ikunu aġġustati għar-riskju. L-att delegat jispeċifika l-kontabbiltà għar-riskju u x'għandha tkun r-relazzjoni bejn rata fissa ta' kontribuzzjonijiet (jiġifieri dak li għandhom iħallsu l-banek) u rata aġġustata għar-riskju, li ser tkun bejn 0.8 u 1.5.

Il-Kunsill tad-9 ta' Diċembru laħaq ukoll qbil politiku dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament li jiddetermina l-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu mill-banek għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni tal-UE (għad-dettalji ara *16645/14*).

AFFARIJIET BARRANIN

Miżuri restrittivi - Sirja

Il-Kunsill ipprojbixxa l-esportazzjoni tal-fjuwil tal-ġett u tal-addittivi rilevanti għas-Sirja billi dawn qed jintużaw f'attakki mill-ajru indiskriminati kontra ċ-ċivili. Din id-Deċiżjoni tagħti valur legali lil qbil politiku li ntlaħaq fil-Kunsill Affarijiet Barranin tal-20 ta' Ottubru.

TRASPARENZA

Aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti

Fit-12 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill approva:

– it-tweġiba għall-applikazzjoni konfermatorja Nru 32/c/01/14 (*15354/14*)